MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2004

Rikors Numru. 39/1997/3

Michael u Kathleen konjugi Said u b'digriet tas-16 ta' Marzu 2001 Kathleen Said tnehhiet mir-rikors
vs
Ic-Chairman, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni ghas-Servizz ta' l-Ilma, kif ukoll ghal kwalunkwe interess li jista' jkollu l-Prim Ministru ta' Malta u b'digriet tas-16 ta' Marzu 2001 il-Prim Ministru gie mnehhi mir-rikors u l-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni u b' digriet tas-16 ta' Marzu 2001 gie korrett ghall-kliem Ministru ghall-Ambjent u b'digriet tad-29 ta' Dicembru 1998 gie kjamat fir-rikors id-Direttur tax-Xoghol, u b' digriet tas-16 ta' Marzu 2001 gie korrett ghal Direttur Generali tax-Xoghol

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa kien impressed driver mad-Dipartiment tal-Water Works, liema kuntratt kien gie terminat fil-5 ta' Ottubru 1987 u minfloku

gie kuntrattjat haddiehor ta’ kulur politiku differenti ben vist mill-Amministrazzjoni l-ohra.

Illi t-terminazzjoni tal-istess kuntratt tieghu ghalhekk ma sehhitx minhabba l-fatt li ma kienx hemm bzonn is-servizzi tal-vettura tieghu imma bl-iskop uniku sabiex jiddahhal haddiehor impressed kif fil-fatt hekk gara u gie kuntrattjat certu Indrija Sciberras.

Illi l-ghixien tar-rikorrent u ta’ uliedu kien jiddependi minn hemm u ghalhekk ukoll ir-rikorrent Michael Said sofra ingustizzja kbira.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent filwaqt li rriserva li jgib il-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni tar-rikors talab lil dan it-Tribunal joghgbu jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment tieghu skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji billi jilqa’ t-talba tieghu fis-sens li jigi dikjarat li sofra ingustizzji u konsegwentament jinghata rimedju skond il-ligi kif l-istess Tribunal jidhirlu opportun xieraq u gust u dana taht dawk il-provedimenti u mizuri u modolitajiet li joghgbu l-istess Tribunal jipprefiggi. Bl-ispejjez kontra l-istess intimati nomine.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma li eccepiet:

1. Illi dan it-Tribunal mhuwiex kompetenti sabiex jisma’ dan ir-rikors stante li l-ilment tar-rikorrent ma jinkwadrax ruhu f’xi wahda jew aktar mill-azzjonijiet elenkati fis-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 6 ta’ l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji.

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol ta’ impressed driver kien b’kuntratt definit ta’ tlett xhur.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-Korporazzjoni intimata.

Ra r-risposta tal-Prim Ministru li eccepixxa:

Illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur ta’ dan l-ilment stante li dan jikkoncerna l-amministrazzjoni ordinarja tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra r-risposta tal-Ministeru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni li eccepixxa:

1. Illi r-rikorrent qatt ma kien impjegat mal-intimat Ministeru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni u ghalhekk huwa mhuwiex l-legittimu kontradittur.

2. Illi l-vettura tar-rikorrent kienet giet ingaggata mad-Dipartiment tal-Ilma llum Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma li hija entita guridika distinta u separata mill-intimat Ministeru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost hija l-vettura li tigi ngaggata mad-Dipartiment koncernat wara talba li ssir lid-Dipartiment tax-Xoghol u Emigrazzjoni u dan abbazi ta’ kuntratt li jistipula illi t-terminu tal-ingagg huwa ta’ 3 xhur liema perjodu jista’ jerga jigi mgedded kull darba li jiskadi. Madankollu ma hemm ebda obbligu fuq id-Dipartiment koncernat li jerga jgedded l-ingagg tal-vettura partikolari li tkun qeghda impressed mad-Dipartiment.

Ghaldaqstant l-intimat talab lit-Tribunal li m’ghandux ikompli jisma’ dan ir-rikors fil-konfront tieghu biss stante illi huwa ma ghandu x’jaqsam xejn mat-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra r-risposta tad-Direttur tax-Xoghol li eccepixxa.

Illi hu gie kjamat in kawza mit-Tribunal permezz tad-digriet datat 29 ta’ Dicembru, 1998.

Illi l-kjamat fil-kawza ma huwiex il-legittimu kontradittur fir-rikors bl-ismijiet fuq premessi stante li l-unika responsabbilita` tad-Direttur tax-Xoghol huwa li jforni vettura meta jkun hemm rikjesta ghall-kiri ta’ vetturi fuq sistema “impressed” minn Dipartiment iehor.
Illi d-Direttur tax-Xoghol ma jiddeterminax it-terminazzjoni ta’ l-ingagg tal-“impressed driver” koncernat stante illi tigdid ta’ dan l-istess ingagg jigi deciz mid-Dipartiment li jkun ghamel ir-rikjesta fuq riferita.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ghaldaqstant il-kjamat fil-kawza talab lit-Tribunal joghgbu jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa gie kjamat inutilment mir-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-kjamat in kawza.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed ir-rikorrent u kkonferma l-kontenut tar-rikors u zied li kien ilu seba’ snin bil-vettura impressed, u li kien sar jaf li spicca meta mar il-Labour Office, u s-Sur Hili kien qallu li ma kienx ser igeddidlu l-kuntratt. Wara, sar jaf li sar minfloku certu Indri Sciberras li hu Nazzjonalist waqt li r-rikorrent huwa Laburist. Semma li wara li spicca mix-xoghol dam seba’ snina jirregistra.

In kontro-ezami qal li jaf li hu bhala impressed driver kien jigi ingaggat ghal tlett xhur, imma jaf li dan Sciberras ghadu hemm sal-lum. Qal ukoll li l-vettura kienet tkun impressed. Qal li hu kien jahdem ma’ certu Joe Attard li

kien W.T.O. fid-Dipartiment tal-Ilma, u hu dejjem mad-Dipartiment tal-Water Works kien allokat u mhux mal-Ministeru tax-Xogholijiet Pubblici.

Xehed Anton Zammit bhala rapprezentant tad-Direttur tax-Xoghol li qal li l-vettura tar-rikorrent kienet giet sostitwita b' vettura Mazda T-2168, u din hi l-vettura ta' Andrew Sciberras. Semma li din il-karozza giet registrata fit-18 ta' Mejju 1987, u din l-istess vettura giet impressed mal-Water Works Department fit-30 ta' Novembru 1987. Hu kkonferma li Andrew Sciberras kien dahal flok ir-rikorrent, u li ma kienx jaf x'inhi r-raguni ghaliex ir-rikorrent gie sostitwit.

Xehed Andrew Sciberras li qal li kien irregistra l-vettura biex jidhol impressed u wara kienu baghtu ghalih il-Labour Office.

Xehed Mario Caruana Principal fid-Dipartiment tax-Xoghol li pprezenta lista tal-impressed drivers gewwa Ghawdex mid-9 ta' Mejju 1987 u li tinsab a fol 52. Esebixxa formola li kienet tintuza meta kienet tezisti s-sistema tal-impressed a fol 54, u formola ohra ta' meta jiskadi l-kuntratt ta' terminazzjoni ta' impressed a fol 55. Qal li meta kienet issir it-talba dwar il-vettura tal-impressed, kienet issir mid-Dipartiment jew Korporazzjoni koncernata u mhux mid-Dipartiment tax-Xoghol. Spjega li l-kuntratt kien ikun ghal tlett xhur, u wara li jirregistraw ghal gurnata bhala unemployed, imbaghad normalment jibdew mill-ghada mad-Dipartiment li kienu mieghu, u allura kien jiddependi mill-Korporazzjoni jew Dipartiment koncernat jigix imgedded il-kuntratt. Semma li dawk li kienu diga bil-vettura impressed baqghu hemm, avolja s-sistema tal-impressed waqfet. Ippreciza izda, li ma dahal hadd iktar minflok dawk li spiccaw peress li s-sistema tal-impressed spiccat.

In kontro-ezami esebixxa dokument a fol 78, hekk kif kien gie mitlub mir-rikorrent, fejn tidher l-istorja kif originaw l-impressed vehicles, u kif komplew sal-1995. Zied ighid li ma kienx f'pozizzjoni li ighid ghaliex ma giex imgedded il-

kuntratt tal-vettura tal-impressed fir-rigward tar-rikorrent, u qal li m' hemm l-ebda records fid-dipartiment dwar dan.

Xehed Marcell Bonnici li qal mir-records jirrizulta li r-rikorrent f'Lulju 1981 kien qed jahdem bhala Fork Lift Driver u f'April 1986 dahal bhala Delivery Man Driver u baqa' hekk sal-1987. Qal li l-kelma impressed mhix imnizzla fil-computer, u fil-fatt jinsab imnizzel bhala self-employed. Qal li jirrizulta li hu spicca impressed fil-5 ta' Ottubru 1987. Ikonferma li r-rikorrent baqa' self-employed full-time sal-1987 u ghalhekk qal li r-rikorrent minn Ottubru 1987 sa Mejju 1996 kien jirregistra ghax-xoghol u kien qed jirregistra fuq part 1, darba fil-gimgha. Qal li ma tirrizultax raguni ghaliex ir-rikorrent waqaf bhala impressed f' Ottubru 1987.

Xehed Emanuel Galea Senior Executive fil-Personnel Section tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma li qal li kien qed isir test kull tlett xhur fuq il-karozzi impressed fil-perjodu ta' zmien 1987/1988. Qal li l-vettura kien isirilha t-test, jekk tinsab tajba, kienet tigi registrata, u kienet timtela formola u tintbaghat lid-Dipartiment tax-Xoghol. Spjega li dan dam sejjer sa Lulju 2000. Hu pprezenta dokument a fol 150 tal-process, li hija l-ittra tal-Permanent Secretary tal-O.P.M. lic-Chairman Water Services fejn infurmah bid-decizjoni tal-Kabinett, u wara dan ittiehdet azzjoni biex in-nies li kienu jahdmu bhala impressed, jigu ingaggati fuq bazi permanenti.

**KONKLUZJONIJIET:**

Dwar l-eccezzjoni li t-Tribunal mhux kompetenti sabiex jisma' dan ir-rikors stante li l-ilment tar-rikorrent ma jinkwadrax ruhu f'xi wahda jew aktar mill-azzjonijiet elenkati fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 6 ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji jinghad li t-Tribunal gja ppronunzja ruhu f' dan ir-rigward u sejjer jikkwota ghal dak li kkwota tant drabi izda li sfortunatament xi avukati ghadhom jeccepixxu u cioe` mir-rikors fl-ismijiet "Anthony Mifsud vs Korporazzjoni ghas-Servizz ta` l-Ilma" deciz fis-16 ta' Frar, 1998, fejn it-Tribunal qal:

L-artikolu 6 (1) jghid hekk:
It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, cskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bi1-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Ghalhekk il-kompetenza tat-Tribunal hija
[a] dwar ilmenti miktuba minn persuni li jallegaw li garrbu ingustizzja
[b] li l-ingustizzja trid tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab [in consequence of undue distinction, exclusion or preference which has been made or given to his prejudice, or of any disability or restriction to which he has been subjected]
[c] b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar dak imsemmi aktar l-isfel.

Issa l-lista elenkata fil-paragrafi 6 (1) (a) (b) (c) (d) hija ezawrjenti b'mod li bil-fors il-kwistjoni trid tirriferi ghal hatriet, promozzjonijiet, trasferimenti, dhul fl-impieg, licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi u dan ad eskluzzjoni

ta’ xi azzjonijiet simili jew ftit differenti? Hu necessarju li l-kazijiet jaqghu precizament f’dawn it-termini, jew il-ligislatur ried jinkludi kazi ohra li huma ta’ l-istess natura? Ghandhom jigu kunsidrati ingustizzji ohra li pero’ ma humiex strettament hatra, promozzjoni, jew trasferiment, izda possibilment xi ingustizzja ohra mhux specifikament imsemmija izda li hi ta’ l-istess natura?

Jekk hi inkluza promozzjoni certament li tidhol promozzjoni b’data differenti [anticipata jew posticipata]; kif ukoll hija inkluza “demotion”. Jekk gie inkluz trasferiment [minn Dipartiment ghal iehor, jew sezzjoni ghal ohra] ghaliex m’ghandiex tigi inkluza rizenja sfurzata mic-cirkostanzi! Jidher li l-ispirtu tal-ligi kien li tkopri l-ingustizzji kif elenkati izda mhux li tinghata interpretazzjoni ferm restrittiva b’mod li jigi stultifikat l-iskop tal-ligi specjali li saret.

Dan it-Tribunal ihoss li hu ferm difficli li “a priori” jaghmel regoli precizi ta’ dawk l-azzjonijiet kollha li jaqghu fil-kompetenza tieghu u liema le. Hu necessarju li f’kull kaz fejn ma huwiex specifikament imsemmi mill-istess ligi li t-Tribunal jezamina jekk il-kaz jinkwadrax.

Ikkunsidra li l-Korporazzjoni intimata qedgha ssostni li l-karozzi huma impressed u mhux id-driver, li dawk id-drivers ihallsu l-bolla tan-National Insurance tas-“self-employed” u jhallsuha huma kollha, la ghandhom leave u lanqas sick leave. Dawn fil-fehma tal-Korporazzjoni jeskludu lil min hu bhal rikorrent milli jaqgha that il-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Pero’ hu ta’ min isemmi li ghalkemm ix-xhud tal-Korporazzjoni semma li l-karozza hi impressed u mhux ix-xufier, hemm il-kundizzjoni li l-vettura “must be owner driven” b’mod li l-ftehim ghalhekk qieghed isir mhux ghall-uzu esklusiv tal-karozza izda bhala kundizzjoni fundamentali li ma’ l-uzu tal-karozza irid ikun hemm ukoll is-sewqan mis-sid. Ghalhekk, ghalkemm strettament dan ix-xoghol ma jinkwadrax ruhu f’impieg b’mod li l-bolla tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali tithallas ta’ self-emplyed, u li l-

Manager tal-Personnel ma jkollux x'jaqsam maghhom direttament, xorta wahda ghall-iskop ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ghandu jitqies bhala "dhul fl-impieg". Jekk saret ingustizzja relattiva ghal impressed driver din ma tesorbitax mill-kompetenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Ghall-istess natura jichad dik l-eccezzjoni.

L-ilment tar-rikorrent huwa li bazat fuq l-aspett li ma giex imgedded il-kuntratt ta' impressed tieghu. Irrizulta li r-rikorrent kien jaghti xoghol tajjeb u ma kienx hemm ilmenti dwar ix-xoghol tieghu u anqas fuq il-vettura uzata minnu. Ir-rikorrent kien jahdem mad-Dipartiment tal-Ilma u dan jirrizulta car kemm mid-depozizzjoni tal-istess rikorrent (fol 22) kif ukoll mid-depozizzjoni ta' Anton Zammit (ara fol 46). Jirrizulta li fil-fatt ir-rikorrent qatt ma kien impjegat taht ebda forma la mal-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma u anqas mad-Direttur Generali tax-Xoghol. Infatti jirrizulta li l-impjieg tar-rikorrent kien mad-Dipartiment tal-Ilma u mhux mal-Korporazzjoni waqt li fil-konfront tad-Direttur tax-Xoghol ir-rwol tieghu kien aktar fis-sens amministrattiv u cioe` li jezegwixxi t-talbiet ta' dipartimenti ohra u mhux li jipprovdi hu stess l-impjieg lir-rikorrent. Ghal dawn il-motivi tillibera mill-osservanza tal-gudizzju kemm lill-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma kif ukoll lid-Direttur tax-Xoghol.

Irrizulta li l-kuntratt ma giex imgedded lir-rikorrent u ma nghatat ebda raguni valida ghaliex dan ma sarx. Anqas ma gie pruvat li ma kienx hemm bzonn aktar tas-servizzi tieghu ghax irrizulta li fil-fatt ir-rikorrent gie sostitwit minn certu Andrew Sciberras u hawnhekk jezisti l-element tal-ingustizzja. It-Tribunal isib li l-element imsemmi fil-Kap 394 jirrizulta pruvat. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000] mill-Ministru tal-Ambjent lir-rikorrent.

Spejjez kontra l-Ministru tal-Ambjent hlief dawk relattivi ghall-intimati l-ohra li huma a karigu tar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------